KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 12 tas-Sitt (06) Kunsill Lokali tal-Mosta li nżammet fl-Uffiċċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 6 ta' Settembru 2012 fis-7.30 ta' filgħaxija.**

Il-Kunsilliera kienu prezenti kif jidher hawn taht.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Dott. Shirley Farrugia (Sindku) | 7.37p.m. | 11.15p.m. |
| Is-Sur Joseph De Martino (Viċi-Sindku) | 7.30p.m. | 11.15p.m. |
| Il-Kunsillier Alexander Muscat | 7.40p.m. | 11.15p.m. |
| Il-Kunsillier Abraham Bezzina | Assenti | |
| Il-Kunsillier Dott. Rachel Tua | Assenti - Xogħol | . |
| Il-Kunsillier Mario Sammut | 8.10p.m. | 11.05p.m. |
| Il-Kunsillier Kirby Fenech | Assenti | |
| Il-Kunsillier James Cassar | 7.55p.m. | 11.15p.m. |
| Il-Kunsillier Keith Cassar | 7.35p.m. | 11.15p.m. |
| Il-Kunsillier David Meilak | Imsiefer | |
| Il-Kunsillier Marthese Mifsud | 7.35p.m. | 11.15p.m. |

Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia mexxiet il-laqgħa.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

Il-Laqgħa bdiet fis-7.40 ta' filgħaxija wara li fis-7.30 kien għadu ma ntlaħaqx il-kworum u inghatat nofs siegħa fuq il-ħin.

**1.0 Approvazjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru.10 u Nru.11 li saru il-Ħamis, 2ta' Awwissu, 2012 u l-Erbgha 8 ta' Awwissu rispettivament.**

Il-minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati b'dawn il-korrezzjonijiet fil-minuti tal-laqgħa No.10:

**1.01** F'*item* 4.02 żdiedet sentenza fl-aħħar ta' l-ewwel paragrafu: **"Il-Kunsillier Alex Muscat qal li s-Sindku ma kelliex dritt tkeċċi lill-Kunsillier Rachel Tua."**

**1.02** F'item 4.02 żdiedet ukoll sentenza fl-aħħar tat-tieni paragrafu: **"Hi qalet li hija għandha dritt titkellem aktar għaliex ġabet l'aktar voti."**



Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

**2.00 Punti Mqajjma mill-Minuti**

**2.01** Dwar *item* 3.02 tal-Laqgħa Nru 10 – Il-Kunsillier Kirby Fenech għal darb oħra ma kienetx preżenti għal-laqgħa u għalhekk ma tistax issir id-diskussjoni dwar il-pagamenti pendenti tal-Mosta Dome Festival 2011. Ġie deċiż li s-Sinjorina Kirby Fenech tiġi msejħa għal-laqgħa mas-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex tispjega għaliex sar infiq aktar milli kien hemm flus allokati għal dan il-Festival u s-Sindku tirraporta lura lill-Kunsill.

**2.02** Dwar *item* 2.02 tal-Laqgħa Nru 11 – Dwar Triq id-Dawr u Triq l-Istrinġell – Il-Kunsillier Alex Muscat talab u sar qbil li l-Perit tal-Kunsill Charles Buhagiar għandu jintalab jagħmel stima għal *resurfacing* (kisi bit-tarmac biss) ta' dawn it-toroq.

**3.00 Materji Finanzjarji.**

3.01 Ġew ippreżentati u approvati unanimament kif ippreżentati listi ta' pagamenti, ordnijiet ta' xogħol, u introjtu ta' finanzi.

**4.00 Korrispondenza.**

Ġiet ippreżentata lista ta' 11 *items* ta' korrispondenza għal-konsiderazjoni tal-Kunsill kif jidher fil-lista annessa. Id-deċiżjonijiet ukoll jinstabu fil-lista annessa.

4.01 Dwar Ittra Nru 4 – Ittra minghand il-Perit Charles Buhagiar dwar l-inkjesta ta' Triq id-Dawr u Triq l-Istrinġell- Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia qrat l-ittra kollha waqt il-laqgħa tal-Kunsil. Hija qalet li kummenti politiċi li kien fiha din l-ittra ma kienux jinteressaw lill-Kunsill u għalhekk kienu irrelevanti. Dwar ix-xogħol li sar fi Pjazza Dawr, hija qalet li dawn ma kienux saru skont il-permess u li fondi tas-CPPS tal-MEPA kienu jistgħu jintużaw biss għal-pjazza u l-anqas biss kienet saret applikazjoni għal-dawn il-fondi.

**5.00 Talba tal-Iskrivana Candice Zarb għal-reviżjoni fl-iskala.**

5.01 Ġie maqbul unanimament li l-impjegata tal-Kunsill, is-Sinjorina Candice Zarb, titla skala. Dan wara li s-Sinjorina Zarb gabet kwalifiki ta' żewġ advanced levels skont l-ftehim kollettiv. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġie awtorizzat jimplimenta din d-deċzjoni b-effett immedjat.

**6.00 Attivita – Jum il-Mosta u Onorificenza ta' Gieħ il-Mosta..**

6.01 Il-Kunsillier Alex Muscat informa li Mosta Gunners kienu ser jorganizzaw kompetizzjoni ta' *Tuq-Of-War* waqt Jum il-Mosta. Il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Voucher ta' Euro 120.—lit-*team* rebbieħ.

6.02 Il-Kunsillier James Cassar informa li kienu ser jintramaw 2 stages, wieħed fil-parking area ta' Pjazza Rotunda u ieħor żgħir ħdejn is-Sofra Restaurant. Huwa qal li ċ-ċerimonja tal-għoti ta' Ġieh il-Mosta ser issir bejn is-sitta u t-tmienja ta' filghaxija. Ir-riċeviment li kien ser isir wara ċ-ċerimonja kien għal mistednin bl-invit biss.

Is-Sindku infurmat li l-Kunsill kien irċieva elfejn Ewro mill-Mepa, u elfejn u ħames mitt Ewro mill-iskema tad-Dipartiment tal Kunsilli Lokali għal din l-attivita. Kien hemm ukoll possibilita li jinġabru fondi permezz ta' sponsors min ditti u persuni privati kif ukoll min tal-ħwienet u kjosks.

6.03 **Onorificenza Ġieħ il-Mosta** - Ġie ippreżentat rapport tas-Sotto Kumitat tal Kumitat tal-Kultura dwar in–nomini li kienu daħlu.

Il-Vici-Sindku Joe Demartino qal li dan is-Sotto Kumitat ma kellux jipproponi min għandu jingħata din l-Onorifċenza, iżda kien inkarigat biss jivverifika u jivvetja l-applikazzjonijiet. Huwa il-Kunsill li jiddeċiedi lil min jingħata dan l-unur. Is-Sindku qablet li kien l-Kunsill li jiddeċiedi. Is-Sotto Kumitat kien biss qed jagħti parir.

Is-Sur Demartino qal li huwa kien ħass li għandu jinnomina lil Lorenzo Attard. Huwa qal li Malta kollha issemmi l-Convoy ta Santa Maria ta' żmien it-tieni gwerra dinija. Dan Lorenzo Attard kien il-pilota li għamel att erojku billi offra li jdaħħal l-vapur amerikan Ohio fil-Port il-Kbir fost bombardamenti qliel tal-għadu mil-ajru. Attard kien għamel 25 sena jgħix fil-Mosta. Huwa qal li dan Attard kien jixraqlu mhux biss dan l-unur ta' Ġieh il-Mosta iżda anke monument. Dan għandu jkun biss il-bidu u jispera li l-quddiem Attard jiġi onorat aktar. Il-Kunsillier Alex Muscat qal li dan l-aħħar kien sar anke *feature* fuq it-TV u tkellem in-nepputi (qassis) ta' Lorenzo Attard.

Is-Sindku, Dott. Shirley Farrugia, staqsiet jekk il-Kunsilliera kollha kienux jafu min kien ġie innominat u qrat dettalji dwar xi wħud minn dawk innominati.

Il-Kunsillier Mario Sammut qal li għandu jsir kif dejjem sar billi l-Kunsilliera jivvotaw għal min għandu jingħata dan l-unur.

Il-Kunsillier Keith Cassar qal li huwa seta għandu konflitt ta' interess għaliex fost dawk nominati kien hemm il-Grupp tal-Armar tal-Festa ta' Santa Marija. Huwa ma ħax sehem waqt il-votazjoni għal dan il-grupp. Għamel hekk ukoll is-Sur Joe Demartino għax qal li membri tal-familja tiegħu huma membri tal-grupp.

Meta saret il-votazjoni ġie approvat li dan l-unur ta' Ġieħ il-Mosta għas-sena 2012 jingħata lil Lorenzo Attard u L-Grupp tal-Armar tal-Festa ta' Santa Marija.

Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġew inkarigati jordnaw żewġ medalji tad-deheb ta' Ġieh il-Mosta u jagħmlu l-arranġamenti kollha meħtieġa għal din l-attivita tas-16 ta' Settembru.

**7.00 Progett Pjazza tal-Mosta.**

7.01 Il-Perit Stephen Farrugia, f'isem il-kumitat tal-immaniġġar tat-traffiku, għamel preżentazzjoni viżiva fuq proposta ta ristrutturazjoni tal-inħawi tal-car park tal-Pjazza Rotunda u wara l-Knisja li tinkludi l-playground u l-grawnd tal-boċċi. Dan il-proġett gie ippreżentat lill Ministru George Pullicino li kien qed jikkonsidra li jattwa dan il-pjan a spejjes tal-Gvern Ċentrali. Dawn il-pjanti ser ikunu ippublikati fil-Magazine tal-Kunsill u jsiru wkoll laqgħat ma l-istakeholders kollha.

**8.00 Pavimentar – Triq l-Oratorju.**

8.01 Ma sarx qbil dwar din il-proposta. Ġie deċiż li jiġi ippreparat pjan dwar din il-proposta u dan jerġa jiġi diskuss f'xi seduta oħra tal-Kunsill.

**9.00 Pubblikazzjoni ta' ktieb "Mosta its People and Their Heritage" minn Profs. George Cassar fl-okkażżjoni tal-20 Anniversarju tal-Kunsilli.**

9.01 Il-Kunsillier James Cassar iddikjara konflitt ta' interess u ħareġ il-barra mill-Laqgħa waqt din id-diskussjoni.

9.02 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li l-Profs. Cassar kien informah li ta dan ix-xogħol huwa kien qed jitlob biss għoxrin kopja tal-ktieb u li l-publikazzjoni ta dan il- ktieb kienet stmata li kienet ser tiswa lill-Kunsill is-somma ta' madwar 5,000 Ewro jekk il-Kunsill jaċċetta li jidħol għal din il-publikazzjoni. Sar qbil li l-Profs. Cassar jintalab jikkonsidra li dan il-ktieb jkun nofsu bl-Ingliż u nofsu bil-Malti.

**10.00 Mosta Walks.**

10.01 Is-Sindku nfurmat li s-Sur Jonathan Henwood xtaq li għall-okkażżjoni ta' Jum il-Mosta tas-sena d-dieħla jippublika fuljett dwar Mosta Walks. Il-Kunsill wera li kien interessat iżda s-Sindku għandha tiddiskuti din il-proposta mas-Sur Henwood u terġa tirreferi lill-Kunsill.

**11.00 Xiri ta' kompjuter.**

11.01 Sar qbil unanimu li jinxtraw żewġ *Laptop Computers* għal-użu tas-Segretarju Eżekuttiv u tas-Sindku.

**12.00 Affarijiet Oħra.**

12.01 Saret sospensjoni tal-Laqgħa għal-ftit ħin biex ikunu jistgħu jitkelmu xi residenti ta' Triq il-Parroċċa. Dawn talbu li jkunu jistgħu jipparkjaw il vettura tagħhom f'din it-triq għaliex kienu qed jiġu imwaħħla multi ta' sikwit mill-wardens. Meta tkompliet il-laqgħa sar qbil unanimu li fi Triq il-Parroċċa jitwaħħlu tabelli "Parking for Residents Only".

12.02 Il-Kunsillier Marthese Mifsud talbet u ġie approvat unanimament li tagħmel tliet attivitajiet:

a. Tagħmel Christmas Talent Concert fis-Sala tal-Kunsill,

b. Ħarġa għas-Santwarju tal-Mellieħa,

c. Isir Play Station Evening fis-Sala tal-Kunsill.

**Għeluq tal-Laqgħa.**

Il-Laqgħa spiċċat fil- 11.15 ta' filgħaxija u aġġornat għal-Ħamis, 27 ta' Settembru, 2012.

Dott. Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv